MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Numru 17/1999

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**versus**

**Stephen Galea.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Stephen Galea ta' 19 (recte 17-il sena u 11-il xahar), iben John u Emanuela nee Zammit, imwieled il-Pieta' fid-9 ta' Mejju 1979 u joqgħod 235 Manwel Dimech Street, Sliema, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 241079 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-21 t'April 1997 u fl-aħaħr xur qabel din id-data:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Rat l-atti kollha tal-porċess inklużi l-fedina penali tal-imputat (fol.6), iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 2410 tal-1979 , l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tas-27 t'April, 1998, l-istqarrija tal-imputat a fol.12, il-Proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) versus Jason Mifsud', u d-dikjarazzjoni magħmula fit-22 t'April 2008 (fol.166) fejn id-

difiża u l-Prosekuzzjoni ddikjaraw li ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu diġa' nstemgħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkunsidrat

5. Skond il-Prosekuzzjoni ċertu Jason Mifsud kien stqarr li kein qed juża l-eroina u l-aħħar li użaha kien fil-jum ta' qabel, jiġifieri fl-20 t'April, 1997. Dan kien stqarr li kien jixtri l-eroina minn għand ċertu wieħed magħruf bħala 'Il-Bugan' li joqgħod Tas-Sliema. (Fol 22). Minn investigazzjonijiet irriżulta li dan kien l-imputat.

6. Fl-istqarrija li għamel l-imputat (a fol 12), magħmula fis-27 ta' Mejju 1997, huwa qal li kien jieħu d-droga eroina u kien ilu xi tliet xhur u nofs ma jieħu. Huwa nnega li qatt biegħ

7.Mill-proċess fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Jason Mifsud' jirriżulta li Jason Mifsud kien, nhar l-24 ta' Frar 1998, ikkonferma l-istqarrija tiegħu **bil-ġurament** quddiem il-Maġistrat li kien qed jippresiedi (Il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr.Noel Cuschieri) (Ara fol.39 u 40 tal-proċess sħiħ). F'din l-istqarrija Jason Mifsud kien qal hekk:

***'Kont qed <u>nixtri</u> minn għand wieħed li jgħidulu l-Bugan li joqgħod Triq Manwel Diemch Street Tas-Sliema. Dan għandu xi sbatax-il sena u safejn naf jien ma jaħdimx. Dana ilu jieħu l-eroina xi sena. Dana <u>jbiegħ</u> pakketti żgħar tal-eroina.' (fol.***40)

8. Meta tela' jixhed Jason Mifsud dan kellu jinżamm taħt arret 48 seigħa minħabba l-mod kif kien qed jixhed. (Ara verbal tas-7 ta' Novembru 2000 fol.109).

9. Meta xehed jumejn wara, il-Qorti kellha tintervjeni (ara fol 114) għal aktar minn darba biex tiġbed l-attenzjoni ta'

dan ix-xhud li kien qed jigdeb u li ma kienx qed jixhed tajjeb. Widdbitu wkoll li ma setax joqgħod jgħid li ma jiftakarax.

10. U l-Qorti ħasset il-ħtieġa li tgħidlu wkoll:

***'Għalfejn tajtu l-flus allura, jekk biex tmorru tixtru t-tnejn, mhux hekk? Lilu tajtu l-flus biex iġib id-droga, hux hekk?' (Fol 115)***

11. Il-Qorti saqsietu wkoll:

***Qorti: 'Qatt ma kien hemm okkazjoni li tajtu flus?***

***Xhud: Biex immorru nixtru eħe.' '***

12. Tant il-Qorti kif preseduta dak iż-żmien ħassitha urtata b'dawn it-tweġibiet li kellha ssaqasieh il-mistoqsija li tidher hawn fuq fil-korsiv.

13. Fl-istess fol jidher ukoll dan il-kliem:

***'Xhud: per eżempju, jien qiegħed insuq. Jiena d-driver dejjem. Ngħid, per eżempju, ngħidlu fuq dak trid tmur. Noħroġ il-flus.***

***Qorti: U tatihomlu. Imbagħad imur jixtri hu. Iva jew le?***

***Xhud: Hekk kont nagħmel.***

***Qorti: Iva jew le?***

***Xhud: Iva.***

14. A fol.116 il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tax-xhud li lanqas kien iffirma l-istqarrija. U qaltlu:

***'Mela kont taf x'qed tagħmel.'***

***A fol.117 il-Qorti staqsiet:***

***‘Int taħdem?***

***Xhud: Le.***

***Qorti: Allura minn fejn kont iġġibhom il-flus?***

***Xhud.  Mhux tħawwad hux?***

***Qorti: Tħawwad ukoll, kif qed tħawwad issa.’***

15. Fl-aħħar ta’ fol.117 il-Qorti qrat mill-istqarrija:

‘Kont nixtri minn għand il-Bugann.’

**U qalet lix-xhud li ma kien qed iħawwad xejn fl-istqarrija iżda kien ċar.’ (Ara fol.118)**

16. Fl-istess fol kellha twiddbu li ma kienx ser joħroġ minn quddiemha jekk ma jgħidx il-verita’.

17. U a fol.119 ix-xhud ipprova jgħid li kellu eighty methadone.  U l-Qorit rrispondiet:

‘Kellek, x’kellek hawn hu ċar.  Minn fejn kont tixtri.  Kemm kellu żmien, fejn joqgħod.’

18. Il-Prosekuzzjoni eżawriet il-provi fl-24 ta’ Ġunju 2002.

**Xhieda Difiża**

19. Xehed l-imputat FIS-27 TA’ Ġunju 2008 fejn inqratlu l-istqarija li kien għamel bil-ġurament. Huwa kkonferma din l-istqarrija u qal li kien jaf lil Jason Mifsud u dak iż-żmein kien jagħmilha miegħu.  Huwa ċaħad li kien qatt begħlu droga.  Huma kienu jeħduha flimkien fl-ewwel karma tad-dar.  (fol.175).

20. L-Avukat għamel żewġ domandi **diretti** a fol.176:

***‘Id-droga li konta tieħdu flimkien, kien iġibha daqqa hu u daqqa inti?***

***Xhud: Konna mmorru ninqdew hux.***

***Avukat: Daqqa bil-flus tiegħek u daqqa bil-flus tiegħu, mhux hekk?***

***Xhud: Inħalltu l-flus bejnietna, hux.’***

21. Xehed ukoll Jason Mifsud fejn l-Avukat reġa’ għamel mistoqsija **diretta:**

***‘X’kontu tagħmlu għandek? Ġieli ħadtu droga flimkien?’***

***Xhud: Iva.***

22. Ix-xhud qal ukoll li kienu jgħaqqdu l-flus u min ikollu karozza kien imur iġibha.

23. Xehdet ukoll Carmen Mifsud fejn l-Avukat għamel mistoqsija **diretta u staqsa:**

***‘Ara ngħidx sew li kienu jieħdu d-droga flimkien ukoll? (fol.182)***

***Xhud: Anke biċċa ħobż flimkien kienu jeħduha kull tant.’ (fol 183)***

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

24. Il-Prosekuzzjoni serrħet il-każ tagħha fuq ix-xhieda ġuramentata ta’ Jason Mifsud. Skond il-Kap 101, tali xhieda hiaj ammessa bħala prova.

25. Meta Jason Mifsud xehed għall-Prosekuzzjoni għamel minn kollox biex il-verita’ ma torħoġx. Meta xehed għad-difiża qal li hu u l-imputat kienu jieħdu d-droga flimkien. Ma’ dan qablu kemm l-imputat kif ukoll Carmen Mifsud, omm Jason Mifsud.

26. Il-Qorti għandha quddiemha x-xhieda ġuramentata li għamel Jason Mifsud u hija din il-verżjoni li qed temmen u qed issib ix-xhieda mogħtija minn Stephen Galea, Jason

Mifsud u Carmen Mifsud bħala għal kollox mhix attendibbli (Fol.172 et). Ta lanqas huwa stramb kif omm tibqa' tħares meta binha jkun qed jieħu l-eroina kif ta x'jifhem l-imputat.

27. Il-kliem tal-Istqarrija a fol.40 huwa ċarissimu u ma juri ebda konfondiment, nuqqas ta' luċidita' jew biża' da parti ta' Jason Mifsud. Dan ix-xhud uża l-kliem :

'nixtri' u 'Dan ibiegħ il-pakketti żgħar tal-eroina.' L-aħħar li kien ħa kien fit-30 ta' Marzu 1997.

28. F'din l-istqarrija mkien ma jidher il-kliem 'neħduha flimkien'. Dan il-kliem beda jidher meta ttella' jixhed quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u fejn dik l-istess Qorti mhux biss kienet żammet lil dan ix-xhud 48 siegħa arrestat iżda kellha tiġbidlu l-attenzjoni tiegħu li kien qed jigdeb.

29. Lanqas ma mpressjona tajjeb meta ttella' jixhed mid-difiża quddiem din il-Qorti għax il-Qorti setgħet tara mill-ewwel li ma kienx qed jgħid il-verita'.

30. Barra dan, iżda dann ix-xhud kien iddeskriva grafikament fil-paragrafu 13 x'kien jagħmel. Jekk wieħed kellu joqgħod fuq kliem dan ix-xhud stess hu kien jgħaddi l-flus lill-imputat biex dan imur jixtri u dan sar għal aktar minn darba. Huwa wkoll ikkonferma l-konklużjoni li għamlet il-Qorti kif diversament preseduta u kif jidhru fil-paragrafu 13 hawn fuq.

31. Għalhekk il-konklużjoni ta' din il-Qorti hija li x-xhud Jason Mifsud għadda flus lill-imputat biex dan jixtrilu. Min jixtri għal ħadd ieħor – ukoll jekk bla qligħ – ikun qed iforni u għalhekk ikun qed jittraffika skond id-definizzjoni li tidher fl-artikolu 22(1B) tal-Kap 101. Isegwi li l-imputat kien qed jittraffika.

32. Il-Qorti pero' aktar temmen il-verżjoni kif inhi fl-Istqarrija ġuramentata. Il-Qorti hija libera li temmen li l-imputat biegħ id-droga. U li l-Qorti tista' tagħmel din ix-xelta hija kkonfermata saħansitra bid-deċiżjoni 'Camilleri

versus Malta' tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bneidem mogħtija fis-sena 2000.

33. Id-difiża ssottomettiet li dan kien każ ta' 'sharing.' L-ewwelnett, lanqas li kieku kien hekk, xorta hemm it-traffikar. It-tieni din il-Qorti ma taqbilx li dan kien każ ta' 'sharing'. It-tielet, lanqas li kieku kien każ ta' 'sharing', kelma li mhux użata fil-liġi, il-proviso li kien introdott bl-Att XVI tal-2006 ma japplikax. U dan skond deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri preseduta mill-Prim Imħallef Dr.Vincent Degaetano fil-5 ta' Mejju, 2008 'Il-Pulizija versus Marco Galea' fejn intqal:

'L-ewwel *proviso* ghal dan is-subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta' l-2006, u
jipprovdi hekk:

**"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont**
**u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-*Probation*,**
**il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"**

Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing"– jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza għalih jiddeciedi li jaqsamha ma' ħaddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna

min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-doga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu ccirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.' (5 ta' Mejju 2008).

34. Din hija s-sentenza gwida fil-preżent in materja. Mis-silta hawn fuq riprodotta l-proviso ma japplikax għal meta wieħed iqabbad il ħadd ieħor imur jixtrilu. Jiġifieri, wkoll kieku kellha tiġi aċċettata s-sottomissjoni tad-difiża. Iżda l-Qorti qed tmur oltre – dan kien ta' bejgħ ta' droga – **sic et simpliciter. Isegwi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.**

35. It-tieni imputazzjoni kienet ammessa fl-istqarrija stess. Għalhekk it-tieni imptuazzjoni kienet ippruvat wkoll b'dan pero' li din hija assorbita fl-ewwel imptuazzjoni ai termini tal-artikolou 17(h) tal-kap 9.

**Konklużjoni.**

35. Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(h) u 37 tal-Kap 9 – għaliex l-imputat kellu 17-il sena u ħdax-il xahar – it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolamenti 4 u 6 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imptuazzjonijiet dedotti kontra tiegħu b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda.

36. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis l-artikoli 17(h) u 37 tal-Kap 9 u l-fedina netta tal-imputat. Dwar it-trapass taż-żmien, mill-verbali jirriżulta ampjament li dan il-każ seta' spiċċa ħafna snin ilu li kieku l-imputat attenda meta kellu jidher fil-Qorti. Bil-maqlub, kellhom jinħarġu diversi mandati tal-arrest biex jidher fil-Qorti. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal sitt xhur priġunerija

u għall-ħlas ta’ multa ta’ €467. Il-multa tista’ titħallas b’rati ta’ €50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------